MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Numru. 464/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Joseph Zammit**

Kumpilazzjoni Nru: 464/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Zammit, ta’ 49 sena, bin Michael u Catherina nee’ Scerri, imwieled Qormi, nhar is-6 ta’ Awissu, 1958, u joqghod fil-fond bin-numru 229, Flat numur 5, Triq Rue D’Argens, Gzira u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 543458(M).

Akkuzat talli gewwa l-Gzira nhar is-7 ta' Marzu, 2008, f'xi hin wara nofs in-nhar ikkommetta serq ta' oggetti minn vettura ta' ghamla Renault Megane bin-numru tar-registrazzjoni LAU-706 ghad-detriment ta' Francis Stivala minn tas-Sliema, u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura msemmija LAU-706 ghad-detriment ta' l-imsemmi Francis Stivala u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri €116.47.

U fl-ahhar nett, akkuzat talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(g), 263, 264, 271(g), 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma pjuttost semplici. Nhar is-7 ta' Marzu 2008 Francis Stivala ipparkja l-vettura tieghu, Renault Megane b'numru ta' registrazzjoni LAU 706, fi Triq Edgar Bernard Gzira. Meta mar lura fil-vettura xi saghtejn wara sab li l-*quarter window* ta' wara tan-naha tax-xellug kienet imkissra u li mill-vettura kienet naqset il-*briefcase* tieghu. Il-valur ta' l-oggetti misruqa skond Stivala kien ta' bejn hamsin (€50) u sebghin Euro (€70) fil-waqt li l-hsara fil-vettura kienet tiswa hamsin Euro (€50). Ta' min wiehed jirrileva li fic-citazzjoni hemm indikat li l-hsara kienet teccedi l-mija u sittax il-Euro u sebgha u

erbghin centezmu (€116.47) pero dan gie kontradett mid-depozizzjoni ta’ Stivala.

Illi Stivala ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija u minn hemm mar id-depot biex isiru ezamijiet forensici fuq il-vettura; fil-fatt gew elevati xi impronti minn fuq il-vettura. Joseph Mallia, l-espert nominat minn din il-Qorti, ikkompara l-impronti elevati minn fuq il-vettura ta’ Stivala ma’ l-impronti ta’l-imputat li kienu ttiehdu l-ghada li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu in konnessjoni ma dan il-kaz. L-imsemmi espert wasal ghal konkluzzjoni li tlieta mill-impronti li gew elevati minn fuq il-vettura huma identici ghall-marki tas-saba tac-curkett, tas-saba tan-nofs, u tas-saba l-werrej ta’ id ix-xellugija ta’ l-imputat. Dawn l-impronti gew elevati mir-*rim* tal-*quarter window* li giet sgassata.

Illi l-imputat xehed; huwa fil-waqt li jichad l-involviment tieghu f’l-akkadut jipprova jiggustifika l-prezena ta’l-impronti tieghu fuq il-vettura in kwistjoni billi jghid li fil-gurnata in ezami huwa kien il-Gzira ghax mar jigbor lit-tifla mill-iskola u seta’ serrah mal-vettura.

Ikkunsidrat

Illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna li fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta’ l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f’mohh il-gudikant lill’ hemm minn kull dubju ragonevoli tar-reita ta’l-imputat[1].

Illi tenut kont ta’ dan il-principju u tenut kont tal-fatt li l-impronti ta’l-imputat instabu propju fil-post minn fejn il-vettura giet sgassata l-Qorti hija konvinta li kien propju l-imputat li sgassa l-vettura u li seraq l-*briefcase* li kien hemm fiha.

---

[1] Ref Pulizija vs Paul Grech (Appell Kriminali 06.04.2001); Pulizija vs James Abela (Appell Kriminali 11.07.2002)

Illi mis-sentenzi esebieti jirrizulta ampjament ukoll li l-imputat huwa recidiv ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 kif ukoll l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9.

Illi konsegwentement l-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi b’dan li t-tieni imputazzjoni tirrizulta in kwantu hemm vjolazzjoni ta’ dak predispost f’l-artikolu 325(1)(c) u mhux dak predispost f’l-artikolu 325(1)(b).

Illi dwar il-piena il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputat li hija wahda refrettarja ghall-ahhar.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(g), 263, 264, 271(g), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu b’dan li l-ammont ta’ hsara ai fini tat-tieni imputazzjoni hija ta’ hamsin Euro (€50) u tikkundannah erbatax il-xahar (14) prigunerija. In oltre l-imputat qed jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ hames mija tnejn u tletin Euro u disgha centezmi (€532.09) rapprezentanti spejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------